**21 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Salvatore Sammut et.

*versus*

Filomeno Abela

**Immissjoni fil-Pussess — Diviżjoni — Testment — Konsorju — Art. 876 u 538(b) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-pussess tal-ġid li kien jappartjeni lid-decujus jgħaddi għand l-eredi, "per modum continuationis", kif kien għand id-decujus.*

*Jekk id-decujus iqassam il-beni tiegħu fost l-eredi fit-testment, għandu jiftiehem li hu ried iħalli l-beni tiegħu lis-suċċessuri tiegħu hekk maqsumin; u allura l-immissjoni reċiproka tal-eredi fil-pussess tal-beni hekk imqassma mid-decujus mhix legalment neċessarja; u l-qasma jkollha l-eżistenza tagħha ġuridika bis-saħħa tal-att stess tat-testment.*

*Il-konsorti ma jistgħax jinqeda bil-ħaġa komuni kontra l-interessi tal-komunjoni, jew b'xi mod li ma jħallix lill-kom-*

*proprjetarji l-oħra jinqdew bil-ħaġa skond il-jeddijiet tagħhom.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi wara l-mewt tal-ġenituri tagħhom Giovanni Sammut u Angela neè Spiteri, fl-atti tan-Nutar Giovanni Vella tas-27 ta' Lulju 1944 immettew lil xulxin fil-pussess tal-beni lilhom imħollija, u dan skond pjan ta' diviżjoni propost mill-istess ġenituri tal-atturi fit-testment tagħhom fl-atti tal-istess nutar tat-28 ta' Frar 1932 (dok. A), u b'hekk l-għalqa tagħhom denominata "tal-Munzell" wara Trieq Sant'Angelo, Żejtun, messet lill-atturi kollha f'porzjonijiet diviżi; illi, biex seta' jsir hekk, kellha tiġi delineata trieq f'nofs l-imsemmija għalqa "tal-Munzell", kif f'dak iż-żmien kienet proġettata mill-Gvern Ċivili, u li sservi ta' faċċata għal dawn il-porzjonijiet diviżi tal-atturi, tant illi. ukoll jekk il-Gvern Ċivili ma għadux aktar bi ħsiebu jiftaħ huwa l-imsemmija trieq, l-atturi jkunu jridu jżommuha huma bħala trieq privata; illi din l-istess trieq jew mogħdija ma tifurmatx parti fl-imsemmija qasma u sussegwenti immissjoni fil-pussess tal-atturi (dok. A), tant illi, ukoll bl-att tal-bejgħ tan-Nutar Dr. Robert Girard tat-12 ta' Novembru 1950 (dok. B) qatt ma setgħet ġiet trasferita fil-pussess tal-konvenut; illi l-konvenut bena fuq din it-trieq jew mogħdija, tant li rrenda l-istess porzjonijiet diviżi tal-atturi inaċċessibbli bil-karrettun; talbu li (1) jiġi dikjarat illi din l-imsemmija trieq jew mogħdija fil-għalqa "tal-Munzell" wara Trieq Sant'Angelo. Żejtun, kif delineata fl-att tan-Nutar Giovanni Vella tas-27 ta' Lulju 1944 (dok. A), ma tifurmatx parti mill-qasma u sussegwenti immissjoni fil-pussess bejn l-atturi, u għalhekk għadha tappartjeni fl-intier tagħha lill-atturi ndiviżament; (2) il-konvenut jiġi kundannat iħott il-bini kollu minnu mtella fit-trieq jew mogħdija msemmija f'nofs l-imsemmija għalqa "tal-Munzell", fiż-żmien li jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo taħt id-direzzjoni ta' perit nominand; (3) fin-nuqqas, jiġu awtorizzati l-atturi jħottu u jiddemolixxu huma l-bini kollu minnu hekk imtella, a spejjeż tal-istess konvenut, jekk ikun hemm bżonn taħt id-direzzjoni tal-istess perit nominand. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' April 1958, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, fin-nota tiegħu fol. 66, issottometta illi l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li huma proprijetarji tal-istrixxa art intiża għat-trieq in kwistjoni, u għalhekk huma ma għandhomx interess li jagħmlu din il-kawża (ara verbal fol. 51). Din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli; mhux biss għal dak li sejjer jingħad il-quddiem, imma wkoll għaliex l-istess konvenut, fin-nota tal-eċċezzjonijiet fol. 16, issottometta illi huwa xtara minn għand l-attur Francesco Sammut "inter alia", it-trieq "de qua", u b'dan ġie jirrikonoxxi li l-istess Sammut kien proprijetarju tal-art relattiva. Issa, ma jidherx kontestat illi din l-art, flimkien malgħalqa kollha "tal-Munzell", kienet ġiet imħollija lill-imsemmi Francesco Sammut u lill-atturi l-oħra mill-ġenituri tagħhom Giovanni u Angela ġa miżżewġin Sammut, li b'testment fl-atti tan-Nutar Giovanni Vella tat-28 ta' Frar 1932 kienu istitwew lill-atturi kollha bħala werrieta tagħhom; konsegwentement, jekk il-konvenut, bħala aventi kawża minn wieħed minn dawk il-werrieta, jgħid li huwa proprijetarju ta' sehemu mill-art in kwistjoni, ma jistgħax fl-istess ħin jikkontesta l-proprijetà lill-werrieta l-oħra, li huma l-atturi;

Illi fil-meritu, xieraq li d-domandi tal-atturi jiġu eżaminati separatament;

Illi bl-ewwel domanda l-atturi, war li ppremettew li t-trieq jew mogħdija in kwistjoni ma ffurmatx parti millqasma u susegwenti immissjoni fil-pussess tal-atturi, u ma setgħetx ġiet trasferita fil-pussess tal-konvenut bl-att talbejgħ li sar għand in-Nutar Dr. Robert Girard tat-12 ta' Novembru 1950, talbu illi jiġi dikjarat li din it-trieq jew mogħdija ma ffurmatx parti mill-imsemmija qasma u immissjoni fil-pussess bejn l-atturi, u li għalhekk għadha tappartjeni lill-atturi ndiviżament. Kif ġa ngħad, l-għalqa "tal-Munzell" kienet tappartjeni lill-ġenituri tal-atturi, u dawn fl-imsemmi testment tagħhom kienu qasmuhielhom flimkien ma' sustanzi oħra. L-atturi, in segwitu, dehrilhom li għandhom bżonn li jimmettu lill-xulxin fil-pussess tal-

kwoti ġa lilhom assenjati fl-imsemmi testament, u waslu għall-kuntratt publikat minn Nutar Giovanni Vella fis-27 ta' Lulju 1944 (li kopja tiegħu tinsab a fol. 6 tal-proċess), fejn "inter alia" huma ddikjaraw li kienu qegħdin jaċċettaw it-testment fuq imsemmi, obligaw ruħhom li joqogħdu għall-kondizzjonijiet kollha li jirriżultaw minnu, u għamlu lill-xulxin ampja u definittiva kwittanza dwar is-suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom, jiġifieri anki dwar l-art intiża biex issir it-trieq in kwistjoni. Dan iġib illi l-atturi huma eredi tal-ġenituri tagħhom, u fihom il-pussess ta' ħwejjiġhom kollha għadda bis-saħħa tal-liġi (art. 876 Kod. Ċiv.), "per modum continuationis", kif kien għand id-decujus;

"Giusta la tradizione, e più ancora il concetto fondamentale a cui si è ispirato il patrio legislatore", josserva Pacifici Mazzoni, " . . . . . . il possesso dell'erede è assolutamente ed identicamente lo stesso che il decujus aveva nel momento della sua morte . . . . . e passa di diritto nella persona dell'erede, senza bisogni di materiale apprensione. Anzi non richiedesi neppure l-intenzione; dacchè è la legge che per sua propria virtù trasmette il possesso all'erede; glielo trasmette quantunque ignori l'apertura dell' eredità. Di diritto passa nella persona dell'erede il possesso dei beni del defunto. Per beni qui deve intendersi l'eredità, considerata come universalità giuridica, e gli oggetti particolari che in essa sono compresi; essi sono tutti i beni suscettivi di trasmissione per via di successione" (Successione, Vol. V, §§ 26 u 27);

Illi għandu wkoll jingħad li d-diviżjoni li saret fl-imsemmi testment hija, skond il-liġi, diviżjoni mhux biss distributtiva, imma wkoll attributtiva u traslattiva tad-dominju; għaliex id-distribuzzjoni tissupponi dejjem id-dispożizzjoni tal-ħwejjeġ distribwiti; b'mod li, meta d-decujus iqassam il-ġid tiegħu, għandu jiftiehem li huwa ried iħallihom lis-suċċessuri hekk maqsumin. F'dan is-sena huwa l-insenjament ta' Laurent:— "L'atto col quale l'ascendente distribuisce i suoi beni tra i figli è essenzialmente una divisione; la legge lo qualifica così . . . . alla morte dell'ascendente la sua succesione si apre . . . . . per essi la successione si è aperta dal momento che l'ascendente ha loro distribuito i suoi beni . . . . Essi rimangono proprietari dei beni che il

padre ha loro distribuiti; questi beni essendo stati divisi, s'intende che non sieno soggetti ad una nuova divisione. Ordinariamente il padre comprende tutti i suoi beni nella divisione che ne fa; in questo caso, la sua morte non produce alcun effetto" (Principi di Diritto Civile, Vol. XV, §§ 81 u 90). Din ukoll hija l-fehma ta' Ricci (Diritto Civile, IV § 198). U din tidher ukoll il-fehma tal-leġislatur tagħna, li saħansitra jindika l-każi li fihom din id-diviżjoni hija nulla jew tista' tiġi attakkata (art. 997 u 998 Kod. Civ.). U dan neċessarjament jippresupponi li l-qasma jkollha l-eżistenza ġuridika tagħha bl-att stess magħmul mill-axxendent;

Illi minn dan jidher li l-att tal-immissjoni fil-pussess magħmul kif fuq mill-atturi ma kienx legalment meħtieġ; u għalhekk ebda argument ma jista' jinġibed mill-fatt suppost mill-atturi, li l-art in kwistjoni ma ġietx kompriża — induzzjoni din li l-Qorti lanqas taqbel magħha;

Illi però, anki jekk "ex hypothesi" dik l-art ma ġietx kompriża fl-imsemmi kuntratt, jibqa' dejjem li l-atturi, bħala eredi, kellhom il-proprijetà tagħha, u għalhekk l-attur Francesco Sammut seta', kif għamel fl-att tal-bejgħ lill-konvenut (fol. 14) jikkomprendi fih "l-istrixxi tat-toroq proġettati li qegħdin bejn il-biċċiet tal-art fuq deskritti"; u kien għalhekk li huwa obliga lill-konvenut "jassumi fuqu kull dritt u kull obligu in konnessjoni ma' l-istess toroq jew strixxi ta' toroq ma' kwalunkwe awtorità kompetenti";

Illi, għal dawn il-konsiderazzjonijiet, l-ewwel talba tal-attur mhijiex sostnuta;

Illi bit-tieni domanda l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut bena fuq din it-trieq u rrenda l-porzjonijiet diviżi tal-atturi inaċċessibbli bil-karrettun, talbu li l-konvenut jiġi kundannat iħott il-bini kollu li huwa tella' fuq dik it-trieq. Il-konvenut qed jopponi għaliex fejn bena hu tiegħu, u l-Gvern mhux bi ħsiebu jagħmel it-trieq li kienet proġettata. L-atturi, fin-nota tagħhom fol. 72, josservaw illi ebda prova ma nġiebet dwar dan l-atteġġjament tal-Gvern, u jidher li għandhom raġun; irriżulta, għall-kuntrarju, illi meta l-konvenut talab permess biex jibni garage, il-Gvern ma tahulux, għax kien hemm id-dubju fejn kellha ssir it-

trieq, u ta lill-konvenut permess li jibni biss ħajt tas-sejjieħ (fol. 45);

Illi jekk stess il-Gvern ma jagħmelx huwa din it-trieq, l-atturi ntitolati, kif ġa esprimew ruħhom, illi jagħmluha huma; u dan in forza tad-dritt lilhom derivanti mid-diviżjoni "de qua", sabiex jirrendu aċċessibbli l-porzjonijiet lilhom pervenuti; u għal dan ma jistgħax jopponi l-konvenut, li, skond ma xehed (fol. 45), sa minn qabel ma xtara mar fuq il-post, ra s-sinjali tal-ħadid, li kienu u għadhom jindikaw kif kienet ġejja t-trieq skond il-pjanta li kien ikkunsinnalu l-attur Francesco Sammut (eżibita a fol. 36), u fit-trattattivi dan Sammut kien qallu li kien sejjer ibegħlu bit-toroq kollha, ġid u deni għalieh (fol. 44), u fil-fatt hekk ukoll xtara l-konvenut. Issa, ladarba t-trieq jew mogħdija in kwistjoni sservi għall-porzjonijiet tal-għalqa posseduti mill-atturi, il-konvenut ma jistgħax jinqeda biha kontra l-interess tal-komunjoni jew b'mod li ma jħallix lill-komproprijetarji l-oħra li jinqdew biha skond il-jeddijiet tagħhom (art. 538(b) tal-Kodiċi Ċivili), kif preċiżament għamel il-konvenut bil-kostruzzjoni "de qua", li rrendiet dik il-mogħdija idjeq milli kienet u inaċċessibbli għall-passaġġ bil-karrettun — ħaġa din li ma tidherx kontestata millkonvenut. U konsegwentement it-tieni domanda tal-atturi tinsab sostnuta;

Illi t-tielet domanda hija korrollarju tat-tieni, u għandha ssegwi l-istess xorti;

Illi, kwantu għall-ispejjeż il-konvenut jippretendi illi huwa ma għandux ibati spejjeż . . . . . ;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-ewwel talba, bl-ispejjeż kontra l-atturi barra dawk tad-dokument fol. 17 ġa eżibit maċ-ċitazzjoni, li għandhom jibqgħu għall-konvenut;

Tilqa' t-tieni talba, u tikkundanna lill-konvenut iħott il-bini kollu minnu mtella għa fil-mogħdija in kwistjoni, a spejjeż tiegħu, u fi żmien ħmistax il-ġurnata mil-lum;

U jekk jonqos, tilqa' t-tielet talba, u tawtorizza lill-atturi (barra Francesco Sammut) li jiddemolixxu dak il-bini, a spejjeż tal-konvenut;

Ix-xogħol għandu jsir taħt id-direzzjoni tal-I.Ċ.A. Alberto Vassallo, li qiegħed jiġi għal daqshekk espressament inkarigat;

L-ispejjeż li ma ġewx ġa provvduti jitħallsu mill-konvenut, barra dawk fir-relazzjoni bejnu u l-attur Francesco Sammut, li għandhom jibqgħu mingħajr taxxa, u d-dritt tar-Reġistru relattiv iħallsu l-istess Sammut.